# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 517/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Fabian Fleri)

vs

**Alexia Cross**

bint James, imwieleda San Giljan, fl-14 ta' Gunju, 1979, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 316279(M)

Illum, 21 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Alexia Cross quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. Bejn id-9 ta' Lulju u it-30 ta' Settembru, gewwa Zabbar, Mriehel, San Pawl il-Bahar, Birkirkara, Lija, Mellieha, Wied il-Ghajn, Birzebbugia, Naxxar, Attard u gewwa dawn il-gzejjer,

b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex gieghelet titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' ta' xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' 3287.54 Euro (tlett elef mitejn sebgha u tmenin Ewro u erbgha u hamsin centezmu) ghad-dannu ta' Ronald Zammit detentur tal-karta ta'identita 454669M, Anthony Zammit detentur tal-karta tal-identita 314741M, Josephine Curmi detentrici tal-karta tal-identita 70068M, Lorenzo Brincat detentur tal-karta tal-identita bin-numru 295959M, Melita Cable plc, Quick Step Limited, Vascas Jewellers, Gaba Goielli, Luciano Meat Market, Sparkle Image Discount Store, CMA limited, Connies Fish Shop, Maritim Antonine and SPA Hotel, Big Apple Stationery, Falzon Service Station, Travellers Lodge Restaurant, Pit Stop Complex, GS Superstore, SMS Travel u/jew APS Bank, Bank of Valletta u/jew persuni ohra;

2. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ffalsifikat cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

3. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijuet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. Fis-26 ta' Awwissu, 2008, minn gewwa The Mirage Hotel li jinsab Triq John Borg, Msida, ikkommettiet serq ta' cheque book, proprjeta ta' Anthony Zammit liema serq huwa aggravat bil-persuna;

6. Bejn id-9 ta' Lulju u is-17 ta' Lulju, 2008, minn gewwa Carsons Court, Triq San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar, ikkommettiet serq ta' cheque, proprjeta ta' Katarzyna Lewandowska;

7. Fl-istess dati, hinijiet, u cirkostanzi kisret il-provedimenti ta' zewg sentenzi sospizi u ta' zewg probation orders moghtija fil-konfront taghha, b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Vella LL.D, datata 12 ta' April, 2007, Magistrat Dr. L. Quintano LL.D, datata 31 ta' Ottubru, 2007, Magistrat Dr. A. Demicoli LL. D, datata 9 ta' Dicembru, 2007, Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D, datata 12 ta' Novembru, 2007 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

8. Fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi rrendiet ruhha bhala ricediva skont sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D, datata 6 ta' Dicembru, 2007.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periiti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta’ Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 309, 310(1)(a), 167, 183, 184, 261(e), 268 u 281(a), 284, 285, 17, 18, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputata Alexia Cross, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha salv is-seba’ (7) akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ikkundannat lill-imputata Alexia Cross ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanta Alexia Cross tad-29 ta’ Novembru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma l-htija u mhux hatja tas-seba' akkuza, izda taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

Illi minkejja li saret ammissjoni, l-appellant kienet assigurata li tinghata sentenza ta' sena prigunerija bil-kundizzjoni li thallas il-parte civile. Is-sentenza mhix dik li kien sar ftehim dwaru u ma tirriflettiex c-cirkostanzi tal-kaz. Ic-cirkostanzi tal-kaz jinkludu l-istat ta' l-appellanta li llum hija mizzewga bit-tfal u mhix qeghda tuza d-droga, haga li tista' tigi konfermata minn Dr. Mark Xuereb u Svetlana Bezzina, il-Probation Officer taghha.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-11 ta’ Frar, 2014.

Illi jirriżulta li l-piena li nfliġġiet l-Ewwel Onorabbli Qorti u ċioe’ piena karċerarja effettiva ta’ sentejn (2), tinsab fil-parametri li tagħti l-liġi u nfatti hawn l-esponent jixtieq iżid ukoll li l-Qorti ma’ applikatx il-massimu tal-piena li setgħat tagħti f’dan il-każ. Infatti l-piena komplessiva li l-appellanta kienet qed taffaċċja kienet teżorbita sew is-sentejn priġunerija u setgħat telgħat saħansitra sa erba’ snin fil-massimu tagħha. Għalhekk l-Ewwel Qorti kellha s-setgħa li tinfliġġi tali piena ladarba din tinkwadra b’mod l-iktar ċar u inekwivoku fil-parametri li tagħti l-liġi stess. Huwa prinċipju ormai stabbilit li ladarba l-piena nflitta fuq l-appellant tinsab entro l-limiti dettati mil-liġi, allura huwa <u>indesiderabbli</u> li l-Qorti Superjuri tvarja d-diskrezzjoni li kellha l-Ewwel Qorti skont il-liġi.

Dan irid jittieħed ukoll fid-dawl tal-fatt li l-appellanta għamlet ammissjoni. Infatti Fis-sentenza tal-każ ***Il-Pulizija vs. Spiru Muscat*** l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef David Scicluna fil-15 ta’ Frar, 2012 (255/2011) sostniet:

"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi.[1] Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilità tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha.....M'huwiex normali però li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena inflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi[2] u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"

Il-Qorti tal-Appell użat kliem kemxejn iebes meta qalet li huwa pjuttost *odjuż* li jsir appell minn piena li tinsab fil-parametri previsti mil-liġi. Fl-aħħar mill-aħħar mhuwiex il-kompitu tal-Qorti Superjuri li tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti mad-diskrezzjoni tagħha. Ġaladarba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti kienet fil-limiti li pprefissat l-liġi, allura din m'għandix tiġi varjata jew saħansitra mxejna minħabba l-fatt li l-appellant qed iħoss li l-piena hija eċċessiva. Dan il-prinċipju ormai huwa ben stabbilit kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ il-**Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan tagħmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-liġi għar-reat in eżami, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal dak li jkun*

---

[1] Sottolinear / Enfasi ta' l-esponent.

[2] Sottolinear / Enfasi ta' l-esponent.

*għamel il-ħati, <u>jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-liġi.</u>"*[3]

Il-piena li infliġġiet l-Ewwel Qorti ċertament ma kinitx waħda eċċessiva, anki minħabba l-fatt li l-Qorti ċertament ma marritx għal massimu tal-piena permessa mil-liġi u li l-Qorti segħtat fid-diskrezzjoni tagħha legittimament infliġġiet.

Fir-rikors tal-appell tagħha l-appellanta qed tilmenta ukoll li allegatament kien sar xi ftehim bejnha u bejn il-prosekuzzjoni illi jekk tammetti l-akkuzi kollha ħlief is-seba' waħda, kienet ser tiġi applikata sentenza ta' sena priġunerija bil-kundizzjoni li tħallas il-parte civile. Ftehim bħal dan, jekk qatt eżistiex o meno, ma jirriżulta mill-ebda verbal jew għallinqas minn xi dokumenti preżentati fl-atti. Għalhekk l-eżistenza ta' tali ftehim hija purament inverosimili jekk mhux ukoll sempliċi fabbrikazzjoni. Infatti fil-verbal tat-22 ta' Novembru, 2013 (a fol 173 tal-proċess) l-appellanta ddikjarat li hi ħatja tal-akkuzi kollha miġjuba kontriha salv is-seba' akkuża, wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħha. Ma hemm l-ebda evidenza ta' xi forma ta ftehim jew assigurazzjoni minn naħa tal-prosekuzzjoni rigward il-piena. L-unika talba li kien hemm mill-prosekuzzjoni kienet tirrigwarda unikament is-seba' akkuża fejn il-Qorti ġiet mitluba ma tieħux konjizzjoni ta' din l-akkuża peress li kien diġa' ngħata provvediment dwarha minn Qorti oħra. Għaldaqstant ma jirrizulta l-ebda ftehim kif qed jiġi allegat mill-appellanta.

Għaldaqstant, s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Maġistrati tat-22 ta' Novembru, 2013 għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, filwaqt illi tiċħad dan l-Appell.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

---

[3] Sottolinear / Enfasi ta' l-esponent.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-ewwel Qorti.

Illi ma hemm ebda dubju li meta l-ewwel Qorti erogat il-piena, tali piena kienet wahda fil-parametri tal-ligi.  Dak in-nhar l-appellanta ma kienet hallset xejn lura lil ebda wahda mill-parte civile.

Illi matul il-mori ta' dan l-appell l-appellant bdiet taghmel xi pagamenti lill-parte civile.

Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u minhabba l-fatt li l-appellant bdiet taghmel pagamenti lill-parte civile tnaqqis fil-piena ikun opportun.

Ghaldaqstant, tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu.  Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tikkundanna lil Alexia Cross ghal piena ta' sena prigunerija.